

Dan Noè. U din l-istor—

**“Jien Noè u dak ħija Ben.
Jien iż-żgħir
u Ben il-kbir.
Pjaċir!”**

Dan Noè. U din l-istorja ta’ meta No—

**“Veru għandi
pjaċir.
Anke Masu l-iskojjattlu
għandu pjaċir
mill-kbar nett.”**

L-istorja ta' Noè tibda mill-karta li Miss Tina tat lit-tfal tal-klassi. Kienet tgħid li nhar is-Sibt, mhux li ġej imma ta' wara, sejrin kamp.

Ben mar id-dar b'karta għall-mamà. U ta' Noè? Żgur tilifha, forsi ħbieha jew remieha! Imma le. Noè taha karta oħra lill-mamà.




Lil Noè mhux dejjem jistednuh anke jekk iħobbuh.
La għall-kaċċa tat-teżor,
la għall-festin tal-każin …

u issa lanqas għall-kamp.

